# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **17 TA' FRAR 2019**

**Għoti tad-Demm**

Għada l-Ħadd 17 ta' Frar 2019 fl-okkażjoni tal-25 Sena mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna se jiġi organizzata nofstanhar għoti tad-demm ħdejn is-Sala Sant'Anna. Aħna mitlubin inġibu magħna l-ID card.

**Magħmudija Komunitarja**

Għada l-Ħadd 17 ta' Frar 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Għada l-Ħadd 17 ta' Frar 2019 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 21 ta' Frar 2019 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kummissjoni Liturġija**

Il-Ħamis 21 ta' Frar 2019 fil-5.00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**2 Laqgħa ta' Formazzjoni dwar is-Smigħ tal-Kelma ta' Alla**

Il-Ħadd 24 ta' Frar 2019 fl-4:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir it-tieni laqgħa ta' formazzjoni minn Fr Clinton Farrugia mssp bit-tema : Għalfejn nemmen? Dawn il-laqgħat ta' formazzjoni qed isiru f'kollaborazzjoni mal-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali. Inħeġġu lil kulħadd sabiex jattendi.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 25 ta' Jannar 2019 hija l-festa tal-Beata Maria Adeodata Pisani OSB u wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 26 ta' Frar 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq l-Aħmar u Triq il-Kannella.**

**Mother and Baby Club**

Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Karnival nhar l-Erbgħa 27 ta' Frar 2019.

**Music Ministry**

Il-Ħamis 28 ta' Frar 2019 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir it-tielet laqgħa tal-kors li qed norganizzaw bħala parroċċa dwar il-Mużika fil-Liturġija. Din il-laqgħa hija miftuħa għal kulħadd, flimkien mal-membri tal-korijiet, animaturi u letturi tal-Parroċċa tagħna.

**Irtir tar-Randan għall-adulti**

Bejn il-Ġimgħa 1 ta' Marzu u l-Ħadd 3 ta' Marzu 2019 ser norganizzaw 3 ijiem irtir tar-Randan għall-adulti ġewwa l-Lunzjata r-Rabat, immexxi minn Fr Mario Farrugia sj. Bookings mis-sagristija jew mill-uffiċċju parrokkjali.

**Kummissjoni Parrokkjali Tfal**

Is-Sibt 2 ta' Marzu 2019 il-Kummissjoni Parrokkjali Tfal qed torganizza party tal-Karnival għat-tfal bejn 5 snin u 12-il sena fis-Sala Sant'Anna mit-3.00pm sas-6.00pm.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**

Il-Ġimgħa 29 ta' Marzu 2019 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Lulju u Diċembru 2019. *Bookings* mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Camino f'Santiago fi Spanja**

Qed jinġabru l-applikazzjonijiet għall-Pellegrinaġġ ġewwa Santiago fi Spanja. Min hu interessat jista jieħu karta ta' applikazzjoni mis-sagristija li tasal lura għandna sa nhar il-Ħadd 24 ta' Frar 2019. Il-Ħadd 24 ta' Frar 2019 fis-7:00pm niltaqgħu fuq iz-zuntier għal mixja oħra flimkien ta' preparazzjoni. Kulħadd huwa mistieden.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.